MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Numru. 839/2011

**Il-Pulizija
Spettur Joseph Mercieca
vs
AV**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat AV gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fl-14 ta' Lulju 2011, ghall-habta ta' 00.30a.m., fi Triq San Gorg, San Giljan

1. Ikkommetta serq ta' IPhone, liema serq huwa aggravat bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta' Sean Abela, u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra ;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta’ Lulju 2011 (esebit a fol. 25 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ Lulju 2011, iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw serq ta’ Iphone li kellu valur ta’ seba’ mija u tmenin ewro (€780) liema serq sar fl-14 ta’ Lulju, 2011 ghal habta ta’ 00:30 a.m. fi Triq San Gorg, San Giljan ghad-detriment ta’ Sean Abela. Mill-provi rrizulta li waqt li l-imsemmi Sean Abela[1] kien qieghed juza l-Iphone tieghu li kellu IME number 01253700750083 fl-imsemmija lokalita’ gie persuna minn warajh u hatafulu minn idejh u telaq jigri bih. Sean Abela jghid li hu gera warajh izda ma’ rnexxilux jaqbdu u ghalhekk cempel lil missieru minn fuq il-mobile phone ta’ siehbu sabiex jigi ghalih u aktar tard dakinhar ghall-habta tat-8:00 a.m. sar rapport fl-Ghassa ta’ San Giljan. Sean Abela xehed li xi zmien wara ra ritratt fuq il-facebook[2] tal-persuna li kienet hatfitlu l-Iphone u huwa ghadda printout ta’ dan ir-ritratt lil Pulizija li setghu jaslu ghall-imputat stante li fuq il-Facebook profile kien hemm indikat isem u kunjom il-persuna li kienet tidher fir-ritratt. Sean Abela xehed li l-persuna li kienet tidher fir-ritratt kien liebes l-istess hwejjeg bhal meta hataflu l-mobile phone. Sean Abela meta xehed f’dawn il-proceduri identifika lill-imputat bhala l-istess persuna li kien seraqlu l-mobile phone fl-14

[1] Li xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-20 t’Ottubru, 2011 u waqt l-udjenza tal-1 ta’ Dicembru, 2011.
[2] Ritratt esebit a fol 15 tal-atti processwali

ta' Lulju, 2011. Meta xehed Saviour Abela, missier Sean Abela, waqt l-udjenza tal-20 t'Ottubru, 2011 huwa spjega li xi zmien wara li nsteraq il-mobile tat-tifel kien ikkomunika mieghu xi hadd b'mod anonimu u qallu sabiex jiltaqa' mieghu l-Belt, hdejn Dar il-Mediterran l-ghada u meta mar ghall-appuntament marru tnejn min-nies li tawh lura l-mobile phone tat-tifel u qalulu li AV ma' kellux x'jaqsam. Mill-provi rrizulta li dan sehh wara li l-imputat gie mressaq il-Qorti fil-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ghazel li ma' jixhidx f'dawn il-proceduri izda fit-23 ta' Lulju, 2011 huwa rrilaxxja stqarrija[3] fejn huwa kkonferma li kien Paceville fid-data li nsteraq il-mobile phone izda rrifjuta li jaghti nformazzjoni preciza dwar ma' min kien dakinhar u f'liema hin u kif kien telaq minn Paceville. Huwa inoltre cahad kwalunkwe nvolviment tieghu fis-serq tal-mobile phone.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti jidrilha li permezz tax-xhieda ta' Sean Abela, li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-imputat AV kien il-persuna li hataf u telaq jigri bl-Iphone proprjeta' ta' Sean Abela fl-14 ta' Lulju, 2011. Sean Abela fil-fatt ikkonferma li huwa kien gera wara l-persuna li hataflu l-mobile u ghalhekk kien f'posizzjoni li jgharfu. Huwa fil-fatt l-ewwel gharfu fuq ir-ritratt li kien jidher fuq Facebook u sussegwentement identifikah meta xehed f'dawn il-proceduri.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali nadifa u ghalhekk huwa first time offender kif ukoll il-fatt li huwa minorenni u ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi huwa ghandu jitqieghed taht Ordni ta' Probation sabiex jinghata l-ghajnuna kollha mehtiega halli jsib xoghol u jzomm kumpanija tajba sabiex ma' jkomplix fuq it-triq tal-kriminalita'.

---

[3] Inserita a fol 9 et sequitur tal-atti processwali

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 270 tal-Kodici Kriminali, ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b'applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tqeghdu taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' sentejn (2) millum skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet.

In vista tal-fatt li l-imputat huwa minorenni l-Qorti tordna d-divjiet tal-pubblikazzjoni ta' ismu fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lil hati bi kliem car l-effett ta' din l-Ordni u tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tinnotifika minnufih kopja ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation li ghandu jassenja l-ufficjal tal-*probation idoneju* ghall-hati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------